**Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard**

**Rapport Annwali Amministrattiv**

**JANNAR - DIĊEMBRU 2023**

**It-Tmin Kunsill Lokali 2019-2024**

Werrej

| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **6** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **7** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** | **12** |

## *1.0 Introduzzjoni*

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard matul is-sena.

Matul is-sena 2023, tkompliet il-ħidma tal-Kunsill tad-disa' leġislatura, li l-bidu tagħha kien fl-1 ta' Lulju 2019

## *2.0 Il-Kunsill*

### 2.1 IL-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, huwa magħmul minn 9 Kunsilliera.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' erba` impjegati skrivani kif ukoll *works co-ordinator* fix-xogħol tal-Uffiċċju.

**Lista ta' Responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier fit-Tmien Kunsill**

**Sindku – Stefan Cordina**
Infrastruttura, Proġetti, Jum Ħ'Attard/Ġieħ Ħ'Attard, Kultura, Finanzi, Anzjani, Komunitajiet, Editur Fuljett, Ġemellaġġ, Dawl tat-Toroq

**Viċi-Sindku – Alex Mangion**
Żgħażagħ u tfal, Saħħa u Mobilità

**Kunsillier – Remigio Bartolo**
Ġemellaġġ, Jum Ħ'Attard, Kultura, Turiżmu, Relazzjonijiet Pubbliċi

**Kunsillier – Dr. Silvio Brincat**
Innovazzjoni, Librerija Pubblika, Wirt Storiku

**Kunsillier – John P. Bonnici**
Qasam Soċjali, Integrazzjoni, Politika Soċjali

**Kunsillier – Dr. Helen Caruana** Edukazzjoni, Fondi EU, Indafa u Ambjent

**Kunsillier – Victor Galea**
Sports, Attivitajiet Fiżiċi, Ambjent Geografiku

**Kunsillier – Connie Scerri**
Sports, Ġonna Pubbliċi, Harsien tal-annimali

**Kunsillier – Perit Giorgio Schembri**

Indafa, Ambjent, Immaniġġjar tat-traffiku, Fondi EU

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2023 sa 31 ta' Diċembru 2023 fit-tmien leġislatura inżammu tnax (12) –il laqgħa, u l-attendenza kienet hekk:

It-Tmien Leġislatura

| | KUNSILLIERA | LAQG ĦAT | PREŻE NTI | SKUŻAT /A | ASSEN TI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Stefan Cordina | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 2 | Helen Caruana | 12 | 11 | 1 | 0 | 92% |
| 3 | John P. Bonnici | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 4 | Alexander Mangion | 12 | 11 | 1 | 0 | 92% |
| 5 | Connie Scerri | 12 | 9 | 3 | 0 | 75% |
| 6 | Victor Galea | 12 | 7 | 5 | 0 | 58% |
| 7 | Remigio Bartolo | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 8 | Silvio Brincat | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 9 | Giorgio Schembri | 12 | 10 | 2 | 0 | 83% |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

Matul din is-sena wkoll l-Amministrazzjoni tal-Kunsill taħt it-tmexxija tas-Segretarju Eżekuttiv kienet komposta hekk:

| | |
|---|---|
| Marica Mifsud Minftoff | Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju |
| Yanica Sammut | Prinċipal (Amministrazzjoni) |
| Karen Fsadni Butt | Assistant Prinċipal (Amministrazzjoni) |
| Diandra Borg Fenech | Uffiċjal Eżekuttiv (Amministrazzjoni) |
| Sharon Debono | Skrivana (Amministrazzjoni) |
| Joanne Aquilina | Skrivana (Accounts) |
| Arthur Caruana | Ko-ordinatur tax-Xogħolijiet(Xogħolijiet fuq barra) |

**Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frankie Attard | Resource Support and Services Ltd |
| Is-Sur Henry Caruana | Engineering Resources Ltd |
| Is-Sur John Camilleri | Dipartiment għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali |

**Il-Konsulenti tal-Kunsill:**

| | |
|---|---|
| Servizz Legali lill-Kunsill | L-Avukat Matthew Bondin LLD |
| Servizz ta' Perit | Il-Perit Dieter Falzon A&CE u Perit Neil Markham |

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill*

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2023 kienet ta': | €828,508 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | €824 |
| Dħul Supplimentari mill-Gvern | €0 |
| **Dħul minn Bye-laws** | |
| Bye-Laws - *Advertising on Street Furniture* | €42 |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet** | |
| Dħul minn kontravvenzjonijiet | - |
| Aministration fees + LESA | €5,121 |
| **Interessi** | €0 |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra (Dhul Generali) b'total ta' €54,303** | |
| Servizzi Komunitarji | €5,400 |
| Sale of books and other mechandise | €12 |
| Dħul Ġenerali | €2,770 |
| Dokumenti/ u *Information Charges* | €0 |
| Dħul mill-*Media* | €0 |
| Donazzjonijiet | €2,000 |
| Kontribuzzjonijiet | €0 |
| Refużjoni | €0 |
| Insurance Claims | €0 |
| Dħul minn Permessi | €44,124 |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2023 kien ta'** | **€ 888,801** |

**L-INFIEQ**

| | |
|---|---|
| **Is-Salarji b'total ta' €239,464:** | |
| Onorarja tas-Sindku | € 18,401 |
| Onorarja tal-Kunsilliera | € 20,202 |
| Salarju Segretarju Eżekuttiv | € 43,483 |
| Salarji ta' l-impjegati | € 142,945 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | € 14,433 |
| **Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' €34,133:** | |
| Propjetà Pubblika | € 2,920 |
| Toroq u Bankini | € 12,141 |
| Sinjali u Tabelli tat-traffiku | €14,341 |
| Marki tal-karreġjata | € 539 |
| Office Furniture & Equipment | € 3,082 |
| Għodda | € 1,055 |
| Tiswijiet oħra | € 0 |
| Tiswijiet | €0 |
| Propjeta' tal-Kunsill | €55 |

| **L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' €483,982:** | |
|---|---|
| Waste Disposal | € 86,795 |
| Ġbir ta' Skart | € 71,657 |
| Ġbir ta' Skart Goff | € 21,338 |
| Kiri ta' *Skips* | € 4,702 |
| Bring-in Sites | € 0 |
| Knis u tindif ta' Toroq | € 188,446 |
| Tindif u manutenzjoni ta' toroq mhux urbani | € 16,489 |
| Tindif ta' Latrini Pubbliċi | € 25,087 |
| Tindif Ġenerali | €1,080 |
| Servizzi Kuntrattwali oħra | € 0 |
| Tindif u manutenzjoni ta' ġonna | € 36,019 |
| Tindif u manutenzjoni ta' roqgħat ħadranin | €16,413 |
| Dwal tat-toroq | € 14,443 |
| Tindif tal-Uffiċċini tal-Kunsill | € 0 |
| Spejjeż t'esperti | € 472 |
| Infurzar Lokali | € 1,041 |
| | |
| **Dan huwa total ta' *Operations and Maintenance* ta'** | **€ 757,579** |

| **Amministrazzjoni u spejjeż oħra €203,390:** | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etc. | € 12,398 |
| Tiswijiet u manutenzjoni oħra | € 14,223 |
| Kera | € 12,610 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Nazzjonali u Nternazzjonali | € 55 |
| Spejjeż għat-tmexxija ta' l-Uffiċċju | € 8,869 |
| Spejjeż ta' Trasport għall-attivitajiet u xogħol | € 10,384 |
| Kirjiet ta' apparat | € 1,819 |
| Spejjeż għall-Informazzjoni għall-Pubbliku | € 7,662 |
| Polza tal-assigurazzjoni | € 8,616 |
| Spejjeż Bankarji | € 1,344 |
| Servizzi Professjonali | € 25,293 |
| Taħriġ | € 0 |
| Vjaġġar | € 0 |
| Avvenimenti Soċjali | € 12,031 |
| Avveniment Kulturali | € 14,806 |
| Attivitajiet | € 1,150 |
| Donazzjonijiet | €1,400 |
| Conference Expenses | - |
| Provvediment għal djun dubjużi | € 0 |
| Djun Imħassrin | €100 |
| Deprezzament | € 70,630 |
| Inventarju mħassar | - |

| **L-Infiq Totali għas-sena 2023 kien** | **€ 960,969** |
|---|---|

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill (ikompli)*

### 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti u entitajiet kollha tar-raħal.

**Korsijiet**

Ġew organizzati korsijiet tal-Lifelong Learning ġewwa l-iskola Primarja Tumas Dingli, Kulleġġ San Nikola. Dawn il-korsijiet kienu Crochet u Bobbin.

Ġewwa l-iskola ġie organizzat ukoll il-Junior Science Club, fejn tfal ta bejn l-età ta` 3 snin u 10 snin setgħu jgawdu minn dan il-kors li kien issussidjat mill-Kunsill.

**Saħħa - Vaċċin tal-Influwenza**

Wara assenza ta' sentejn minħabba l-COVID-19, din is-sena l-Kunsill reġa' ipprovda s-servizz li jamministra l-vaċċin tal-influwenza. Ir-residenti ta' Ħ'Attard li għandhom iktar minn 55 sena ngħataw il-possibbilta' li jirċievu l-vaċċin kontra l-influwenza mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali mingħajr ħlas.

Il-vaċċin kontra l-influwenza din is-sena ingħatat mill-Uffiċċini tal-Kunsill. Il-Kunsill ikkoordina s-servizz tal-infermiera biex ir-resident ikun moqdi.

**Ħarġiet għall-Anzjani organizzati mill-grupp Sant'Anna 60+**

Matul din is-sena, ġew organizzati 14-il ħarġa, b'tnejn minnhom ġewwa Għawdex. Il-Kunsill dejjem ha ħsieb li jgħin lill-anzjani tar-raħal billi jipprovdi trasport u ikel waqt l-attivitajiet li jkollhom
.
Dawn il-ħarġiet huma ssussidjati mill-Kunsill.

**Il-ħarsien soċjali**

Saret ukoll il-President`s Fun Run nhar il-Ħadd, 11 ta` Novembru. Il-Kunsill jgħin billi Residenti jixtru l-biljetti minn ġewwa l-uffiċini tagħna.

Il-Kunsill organizza kompetizzjoni għall-isbaħ kartolina 2023 b`affarijiet riċiklati fejn kienet miftuħa għat-tfal kollha ta' Ħ'Attard.

Din is-sena iċ-ċerimonja ta` Jum Ħ`Attard saret il-Ħadd 26 ta` Marzu, fejn ir-rebbieħa kienet is-Sinjura Grace Borg. Waqt l-istess ċerimonja ingħata trofew għall-kompetizzjoni li saret bejn l-istudenti tal-Kulleġġ San Nikola ta` Ħ`Attard biex jiddisnjaw trofew ġdid. Din il-kompetizzjoni ntrebħet minn Jake Micallef.

Sar ukoll il-Bazaar annwali fejn il-fondi li nġabru marru għall-Hospice Movement u l-Fondazzjoni Smiling with Jerome.

Fit-13 ta` Mejju saret l-Attivita` kulturali Iffjurit bil-Ward Infewwaħ. F`din l`attivita diversi artisti minn oqsma differenti esebixxew ix-xogħolijiet tagħhom fi Triq Sant Anton.

Fl-1 ta` Diċembru saret attivita ġewwa Pjazza Tommaso Dingli fejn inxtelet is-siġra tal-Milied. Għal din il-Mixgħela attendew bi ħġarhom diversi residenti.

**Ambjent**

Permess tal-inizjattivi MOVE for TREES, HSBC Malta Foundation u The Grow 10 Trees Project, sar tħawwil ta` siġar ġodda ġewwa r-Raħal. Flimkien mal-grupp volontarju The `Grow 10 Trees` Project, mas-Sindku, Kunsilliera, residenti u numru ta` volontiera tħawwlu madwar 130 siġra f`Masġar Pierre Muscat.

L-Attard Scouts Group b`kollaborazzjoni mall-Kunsill organizza attività fejn tħawwlu xi sigar. Is-siġar li tħawwlu ġew provduti min Ambjent Malta.

**Xogħolijiet madwar Ħ`Attard**

Apparti x-xogħol ta` manutenzjoni u xogħol li jkun meħtieġ ta` kuljum, inbeda wkoll xogħol ta` tisbieħ tal-ġonna fejn trangaw bankijiet fost affarijiet oħrajn.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**

Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar patching fihom għal aktar minn darba. Sar ukoll manutenzjoni tal-bankini fejn kien meħtieġ.

**Fil-qasam tal-persuni b'dizabbilita'**

Il-Kunsill Lokali għal din is-sena wkoll kompla r-rampi ma' postijiet pubbliċi kif ukoll f'bankini sabiex ikun hemm aċċess aħjar.

Ġew approvati ukoll iżjed reserved parking bays għal-Persuni b`diżabilità.

**Immaniġġjar tat-Traffiku**

Il-Kunsill kompla bil-ħidma sabiex jiġu mplimentati diversi miżuri ġodda tat-traffiku ġewwa diversi toroq ġewwa r-raħal. Rigward il-problema tat-traffiku tlesta x-xogħol fuq iċ-Central Link Project li kien intenzjonat li jnaqqas ħafna mit-traffiku dieħel u ħiereġ minn- Ħ'Attard.

Mill-iskema ta` manutenzjoni u kostruzzjoni ta` toroq mill-ġdid li nħarġet mill-Gvern komplew isiru għadd ta' toroq fosthom Triq Victor Vassallo li għandha titlesta iktar tard is-sena d-dieħla.

Barra minn hekk saru diversi sleeping policemen, linji u marki tat-toroq ġodda madwar ir-raħal. Saru ukoll diversi manutenzjonijiet ta` gandotti fi Triq il-Mosta u Triq Ħal Warda.

**Ġbir ta' skart imħallat, organiku, riċiklabbli u ħġieġ u Separazzjoni tal-Iskart**

Minn din is-sena, dan is-servizz għadda taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun Tramuntana.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**

Dan is-servizz jingħata kuljum mit-Tnejn sas-Sibt. Ir-resident għandu jikkuntattja l-Kunsill biex jagħmel appuntament. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas.

**Kalendarju tal-Iskart**

Bħal kull sena, erġajna ppubblikajna l-kalendarju fejn juri x'tip ta' skart għandu jinħareġ ġurnata b'ġurnata. B'hekk ninkoraġixxu lir-residenti kollha sabiex isegwu l-iskeda u nevitaw skart li jinħareġ ħażin, li ma jkunx ser jinġabar f'dik il-ġurnata partikolari.

Ġewwa Misraħ Ġwanni Pawlu II u Triq il-Ħafur, b`kollaborazzjoni mal-WasteServ, darbtejn fix-xahar jiġi 'Sort it out' Truck sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jarmu oġġetti fih minflok iżuru ċ-Ċentru tal-WasteServ.

Il-Kunsill lokali ipparteċipa wkoll fil-European Week for Waste Reduction. Ġie organizzat Swap Shop sabiex biex jitqajjem l-interess fir-residenti sabiex l-affarijiet li m`għadhomx ta` użu jerġghu jiġu użati minn ħaddieħor. Waqt attività separata tqassmu wkoll fuljetti edukattivi lit-tfal ta` diversi etajiet. F`din l-attività it-tfal ġew murija wkoll *powerpoint* bil-kontenut ta` dan il-fuljett u wara t-tfal ħawlu żerriegħa fil-qsari sabiex ikabbru ġewwa darhom imbagħad il-Kunsill ikun jista` jħawwel dawn il-pjanti la jikbru f`diversi postijiet madwar il-lokalità.

**Knis ta' Toroq**

Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalità tinżamm fi stat nadif. Kull triq fil-lokal tinkines darba fil-ġimgħa. Ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' fuq bażi regolari.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**

Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-Handyman li mpjegat mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq.

**Tenders**

Matul is-sena ġew mgħotija seba' (7) Tenders:

ALC 01/2023 Tender for the Embellishment of Public Garden at Ġnien il-Palma, Ħ'Attard, using Environmentally Friendly Materials
ALC 02/2023 Tender for the Cleaning and Clearing of Non-Urban Roads and Sitres in Ħ'Attard in an Environmentally Friendly Manner
ALC 03/2023 Tender for the Printing of Magazine, Fliers, Printed Material and Calendar for the Ħ'Attard Local Council in an environmentally friendly manner
ALC 04/2023 Tender for the Supply and Delivery of a Wheelchair-Accessible Electric Passenger Van for the Ħ'Attard Local Council
ALC 05/2023 Tender for the Supply, Delivery, Installation and Commissioning of Furniture for the Cultural Educational Information Centre in Ġnien Stazzjon in Ħ'Attard

ALC 06/2023 Tender for the Supply, Delivery, Installation and Commissioning of Galvinised Steel Enclosure, including Civil Works and Finished required, in Ġnien Stazzjon in Ħ'Attard
ALC 07/2023 Tender for Awareness Initiatives in Relation to the Cultural Information and Educational Centre in Ġnien Stazzjon in Ħ'Attard and the Promotion of Cultural Heritage Assets within the Three Villages

**Wirt Storiku**

Kif kien mistenni tlesta x-xogħol fuq il-bini mill-ġdid tal-istazzjon tal-Ferrovija li se jintuża bħalha ċentru għall-kultura, edukazzjoni u informazzjoni. Se jitkompla x-xogħol fuq l-pavimentar u mistenni li jinfetaħ għall-pubbliku f'April 2024.

**Proġetti Kapitali**

L-ikbar proġett kapitali tal-Kunsill ta` din is-sena kien il-Bini taċ-Ċentru għall-Kultura, Edukazzjoni u Informazzjoni li sewa €808,486.88.

**Attivitajiet għal żmien il-Milied**

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena il-Kunsill reġa' ħaseb biex fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, jiżżejnu u jinxtegħlu numru ta' toroq b'dawl dekorattiv. L-ispiża ġiet iffinanzjata parti mir-Reġjun Tramuntana, permezz ta' Skemi biex jiġu rifonduti spejjeż relatati ma' armar ta' żmien il-Milied. Fl-1 ta' Diċembru 2023, ġiet organizzata attività fil-Pjazza il-Mixegħla tas-siġra.

Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana Matul din is-sena, il-Kunsill ibbenefika minn numru ta' Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana. Dawn jinkludu :
• Libraries Scheme Il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €2,500, fejn il-Kunsill ammont ta' kotba għat-tfal.
• Assistenza Finanzjara – Iffjujrit Bil-Ward Imfewwaħ 2023. Il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €5000 sabiex ġiet organizzata esebizzjoni ta' arti, skultura u ornamenti .
• Assistenza għall-NGO - Il-Kunsill applika għal din l-iskema. Permezz ta' din l-iskema ibbenefikaw diversi Każini fejn ingħataw is-somma ta' €1,500 biex isiru marċi funebri u diversi attivitajiet oħra.
• Christmas Assistance Schem - Il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €10,000 sabiex jiġu ffinanzjati parti mill-ispejjeż relatati mal-attivitajiet ta' żmien il-Milied.
Kunsill Lokali Ħal Balzan Rapport Amministrattiv Jannar – Diċembru 2023

**Skemi maħruġa minn entitajiet diversi**

Matul din is-sena, il-Kunsill applika għal numru ta' Skemi maħruġa minn entitajiet diversi. Dawn jinkludu:
• SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 Il-Kunsill applika u ser ikun qed jibbenefika mis-somma ta' €5000 biex tiġi organizzata attività kulturali
• SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja - Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati Il-Kunsill applika u ser ikun qed jibbenefika mis-somma ta' €4875 biex jiġu installati numru ta' CCTV cameras fi Ġnien l-Istazzjon u Ġnien il-Palma.

**Inizzjattivi**

Matul ix-xhur ta Mejju, Ġunju u Ottubru rispettivament il-faċċata tal-Uffiċini tagħna kienet mixewla blue, ħamra u roża bħala turija ta` sapport għal dawn l-avvenimenti.

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri. Jeħtieġ li din il-ħidma tikber aktar b`l-involviment u bil-parteċipazzjoni tal-istess kunsilliera.

L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv jiġbor fih s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istrutturi tas-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

L-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma għal-lokalita',l-Amministrattur,is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien possibli.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f`dak li jkun ser iwettaq il-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' l-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

Bl-istruttura mħaddna fuq dawn il-prinċipji għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## IMPJEGATI TAL-KUNSILL

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq xogħolu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jitħol fid-dettall kollhu għall-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol u attivita tal-Kunsill f'Ħ'Attard, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol li ma` jidirx, xogħol li jkun maħsub, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jikkontribwixi għas-suċċess kbir li l-Kunsill Ħ'Attard qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta` kollha. Dis-sena erġajt ipproponejt li l-impjegati għandhom jingħataw il-*performance bonus* kollu, u l-Kunsill approva dan għax ressaqt *performance appraisal* ta' kull impjegat fejn kienet analizzata l-ħidma ta' kull impjegat fil-Kunsill u ġew imkejla t-*targets* li li kien hemm kif ukoll tressqu dawk ġodda għas-sena li ġejja, fejn l-enfażi terġa' tkun fix-xogħol ta' kuljum, bejn xulxin, f'uffiċċju dejjem aktar effiċjenti u effetivita.

B'uffiċċju effiċjenti rridu nifhmu li kulħadd ikun jaf dak li qed isir u għaliex! Li kulħadd ikun responsabbli fix-xogħol li jagħmel ta' *teamwork*, għaliex b'team t' impjegati mġedded u msaħħaħ, fejn hemm stħarriġ fil-ħidma ta' kuljum, u kulħadd jaf sewwa x'għandu jagħmel, jiena ċerta li kapaċi nagħtu l-aħjar servizz lir-residenti kollha mill-uffiċini tal-Kunsill.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma bla waqfien tal-Kunsill ta' Ħ'Attard għal din is-sena 2023. Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti fl-aħħar xhur tas-Seba' leġislatura tal-Kunsill u fil- bidu tal-ewwel xhur tat-Tmien leġislatura, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

**Marica Mifsud Mintoff**
**Segretarju Eżekuttiv**

## *Statement of income and expenditure* (Siltiet mill-*Annual Audit Report*)

### L-Iskeda ta' Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-Nefqa

| **Statement of Comprehensive Income** | **2023** | **2022** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **Income** | | |
| Funds received from Central Government | 829,332 | 988,999 |
| Income raised under Local Enforcement System | 3,549 | 3,428 |
| General Income | 55,920 | 42,614 |
| | **888,801** | **1,035,041** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | (239,464) | (216,788) |
| Operations and maintenance | (518,115) | (717,110) |
| Administration and other Expenditure | (203,390) | (163,557) |
| | **(960,969)** | **(1,097,455)** |
| **Loss from operations** | **(72,168)** | **(62,414)** |
| Other Income | - | 2,109 |
| Finance Costs | - | (13) |
| | - | 2,096 |
| **Loss for the year** | **(72,168)** | **(60,318)** |

***Statement of Financial Position* (Siltiet mill-*Annual Audit Report*)**

**Statement of Financial Position**

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 623,908 | 544,949 |
| | **623,908** | 544,949 |
| **Current Assets** | | |
| Receivables | 258,062 | 183,897 |
| Cash and cash equivalents | 59,375 | 286,114 |
| **Total current assets** | **317,437** | 470,011 |
| **Total Assets** | **941,345** | 1,014,960 |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| **Reserves** | | |
| Retained Earnings | 207,669 | 279,837 |
| **Total Reserves** | **207,669** | 279,837 |
| **Liabilities** | | |
| **Non-Current Liabilities** | | |
| Deferred Income | **198,259** | 271,267 |
| **Current Liabilities** | | |
| Deferred Income | 276,246 | 264,918 |
| Payables | 259,171 | 198,938 |
| | **535,417** | 463,856 |
| **Total Liabilities** | **733,676** | 735,123 |
| **TOTAL RESEVES AND LIABILITIES** | **941,435** | 1,014,960 |

***Statement of Changes in Equity (*****Siltiet mill-*****Annual Audit Report)***

**Statement of Changes in Equity**

| | Retained Funds € | Total € |
|---|---|---|
| **At 1 January 2022** | **340,155** | **340,155** |
| Loss for the year | **(60,318)** | **(60,318)** |
| **At 31 December 2022** | **279.837** | **279.837** |
| | | |
| **At 1 January 2023** | **279,837** | **279,837** |
| Loss for the year | **(72,168)** | **(72,168)** |
| **At 31 December 2023** | **207,669** | **207,669** |

## *Cash Flow Statement* (Siltiet mill-*Annual Audit Report*)

| **Statement of Cash Flows** | **2023** | 2022 |
|---|---|---|
| | **€** | € |
| **Net loss/profit for the year** | (72,168) | (60,318) |
| Reconciliation to cash generated from operations | | |
| Depreciation | 70,630 | 44,017 |
| Loss on disposal of assets | - | 85 |
| Movement in Provision for Doubtful Debts | (815) | 1,525 |
| Bad debtors written off | 916 | 1,625 |
| Lease Interest payable | - | 13 |
| Operating loss before working capital changes | (1,437) | (13,053) |
| (Increase)/decrease in receivables | (67,482) | (33,372) |
| (Increase) in payables | (23,201) | 121,559 |
| **Net cash flows (used in)/from operating activities** | **(92,120)** | 75,134 |
| **Cash flow from investing activities** | | |
| Purhase of property, plant & equipment | (637,517) | (456,183) |
| Receipt of grant | 502,898 | 378,462 |
| **Net cash flows used in investing activities** | **(134,619)** | (77,121) |
| **Cash from financing activities** | | |
| Interest paid | - | (13) |
| Payment of principal portion of lease liabiities | - | (4,535) |
| **Net cash flows used in financing activities** | **-** | (4,548) |
| **Net movement in cash and cash equivalents** | (226,739) | (7,135) |
| Cash and equivalents at beginning of year 286,114 | | 293,249 |
| **Cash and equivalents at end of year** | **59,375** | 286,114 |